MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 747/1989/1

**Michael Angelo Fenech**

**v.**

**Joseph Gaffarena**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat mill-attur li jaqra hekk:

"Peress illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt Lira (Lm21,500.00,0) import ta' kambjala datata 23 ta' Jannar 1989 minnu accettata u li skadiet fit-23 ta' April 1989, u peress li fil-

fehma tal-attur il-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas tal-ammont fuq imsemmi.

"Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti:

"1. M'ghandiex tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Il-konvenut m'ghandux jigi kkundanna jhallas lill-attur is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt Lira (Lm21,500.00,0) import ta' kambjala minnu accettata li skadiet fit-23 ta' April 1989, flimkien mal-imghax legali mid-data ta' din l-iskadenza sad-data tal-eventwali pagament.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju 1989 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 7) li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi, u dan in linea preliminari, it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi meta ffirma l-allegata kambjala huwa gie ngannat mill-attur.

"2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, u dan jirrizulta waqt it-trattazzjoni, l-ammont li qed jippretendi l-attur jirrapprezenta prezz ta' diversi vetturi uzati ghall-garr tal-*concrete mix* li l-konvenut eccipjent kien qed jixtri minghand l-attur - fil-fatt l-eccipjent nghata biss erbgha minn sitta minn dawn il-vetturi u ghaldaqstant huwa m'ghandhux jigi kkundannat l-ammont kollu, izda semma l-ammont ferm anqas.

"3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li fuq ordni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, il-konvenut ressaq kawza biex il-mertu tal-ewwel eccezzjoni tieghu tigi diskussa f'kawza *ad hoc*, u dik il-kawza (citazzjoni numru 1195/90), ibbazata fuq il-premessa li l-kambjala kienet

nulla peress li meta ffirma l-istess kambjala l-konvenut gie ngannat mill-attur odjern, giet deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar 2005, b’ezitu sfavorevoli ghal Joseph Gaffarena (attur f’dik il-kawza), bir-rizultat li giet determinata u michuda definittivament l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut f’din il-kawza;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Dicembru 2007, li in forza taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza:

“.......billi tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut, u tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf u hames mitt Lira (Lm21,500.00,0) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-iskadenza sad-data tal-eventwali pagament.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Gunju 1989 kontra l-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi l-attur intavola l-kaz odjern ghall-kambjala datata 23 ta’ Jannar 1989 fejn il-konvneut kellu jaghti lill-attur wiehed u ghoxrin elf , u hames mitt Liri Maltin (Lm21,500.00). Min-naha l-ohra, fl-ewwel lok gie eccepit mill-konvenut li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li meta ffirma l-allegata kambjala, hu gie ngannat, u fit-tieni lok, gie eccepit li l-konvenut inghata biss erbgha minn sitta ta’ dawn il-vetturi. U ghalhekk, m’ghandux jigi kkundannat ghall-ammont kollu.

“Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni tal-Onor. Qorti tal-Appell fl-ismijiet inversi tat-28 ta’ Jannar 2005.

“Illi l-azzjoni odjerna hija dik maghrufa bhala *actio cambiaria.* Illi l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc, Kap. 13, ighid illi:

““1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha,

jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.

“2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jenhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f’kawza ghaliha, u sadanitant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, mghandhiex tkun imdewma.”

“Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm-il darba mfisser minn dawn il-Qrati.

“Illi fil-kawza **Gullaumier Industries Ltd. v. Victor Vella et** deciza fl-4 ta’ Dicembru 1998, dwar l-*actio cambiaria* gie ritenut:

““Illi a bazi ta’ dan l-artikolu gie deciz li “l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta’ kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita` possibli……..” Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghagla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista’ jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali ikunu animati mill-istess esigenzi.”

“Biex tassigura din ic-celerita`, il-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx l-kanonizzazzjoni ta’ import ta’ kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biss meta dawn ikunu ta’ facli soluzzjoni.” (Ara **John Portelli noe. v. Joseph Sullivan,** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta’ Ottubru 1987).

“Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza **Charles Gatt noe v. Joseph Vassallo Gatt noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta’ Novembru 1993:

““appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obbligazzjoni *ad hoc*, ghal kollox indipendeneti u seperata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk, f’kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala

regola m'ghandhomx jigu permessi eccezzjonijet li jikkoncernaw obligazzjonijet precedenti."

"Illi da gie segwit f'diversi sentenzi fosthom **John Mary Sammut v. Michael Cassar**, Appell Kummercjali fl-14 ta' Ottubru 1991 u **George Zahra v. Alfred Borg** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' April 1995 fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza kostanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Ara Vol XXIX p.i. 1528 u Vol XXIX,I ,1136), dawn il-principji gew ilkoll elenkati. (Ara wkoll **Ronald Micallef et v. Subway Malta Ltd.** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2000.

"Fil-fatt, skond il-prattika kostanti fil-gurisprudenza nostrana, il-hlas tal-kambjali li tkun accettata u skaduta tigi dejjem ordnata meta l-eccezzjonijet ikunu tali li jehtiegu indagini twila salv il-kateli li l-Qorti jidhrilha opportuni, kompriz li tirriserva l-eccezzjonijet ghal kawza separata. Kif inghad fil-kawza **Francesco Zammit noe v. Paolo Scicluna noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-4 ta' Frar 1907 (VolXXp.ii.p.15)

*""secondo la pratica di questi tribunali il pagamento di una cambiala accettata e scaduta viene sempre ordinata quando le eccezioni siano tali da richiedere lunga indagine sotto quella cautela che il prudente arbitrio della corte credesse opportune."*

"(Ara wkoll **Integrated Electronics Ltd. v. Goldkraft Ltd** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2004).

"Illi gie ritenut ukoll fil-kawza **Sultana v. Pecorella** fl-10 ta' Mejju 1913:

*""Atteso che per legge espressa, eccezione di lunga indagine, come quelle opposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute . La Corte deve rdinare il pagamento con o senza cauzione e*

*timettere la cognizione delle eccezioni a seperato giudizio.”*

“Tal-istess portata hija s-sentenza **Eminyan v. Mckay** deciza fid-9 ta’ April 1940 mill-Qorti Civili Prim Awla fejn inghad:

““Illi skond l-Artikolu 181 tal-Ordinanza XII tal-1857, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jittardjaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta’ soluzzjoni pronta. Ghalhekk, l-eccezzjoni li ta l-konvenut ma tistax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali.”

“Ukoll, fid-decizjoni, fl-ismijiet **Staines v. Trapani** gie konfermat:

““Illi jekk din il-pretensjoni ma kienitx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista’ tillikwidaha, peress li tirrizulta b’mod konvincenti bhala fondata. U skond l-Artikolu 181 tal-Ordinanza XII tal-1857, *“exceptions affedting the holder of a bill personally cannot delay the payment thereof, unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined.”* U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress illi setghet tigi definita malajr.”

“Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Prof. Carlo Mallia noe v. Mariano Accarino noe** deciza fit-22 ta’ Novembru 1937, ikkonkludiet:

““Infatti l-Artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghall-possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk m’humiex likwidi u *di pronta soluzione*. Jekk imbaghad huma ta’ indagini twila, dawk l-eccezzjonijet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistax tkun differita, b’garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti.” (Ara wkoll **Charles Pool v. Carmelo Mercieca** deciza mill-Prim Awla Qorti Civili fid-29 ta’ Mejju 2003).

"Jigi dedott li ghalhekk f'azzjoni kambjarja l-eccezzjonijet ghandhom ikunu limitati u ristretti ghad-dokument stess (il-kambjal) u m'ghandhomx jidhlu fil-kamp ta' obbligazzjonijet ohra. L-azzjoni kambjarja ghandha hajja ghal kollox indipendenti minn kwalunkwe obbligazzjoni li setghet ippreceditha jew obbligazzjoni li setghet iggenerat. Illi l-obbligazzjonijet emergenti huma dawk li johorgu mis-semplici firem tal-persuni li jidhru fuq il-kambjala. (Ara wkoll **John Portelli v. John Sullivan,** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Ottubru 1989).

"Fil-kaz in ezami, mill-kambjala jirrizulta li din giet iffirmata mill-konvenut personalment. Illi stante li l-obbligazzjonijet li johrogu huma dawk tas-semplici firem tal-partijiet li jidhru fuq il-kambjala, fil-kaz *de quo*, fil-kambjala jidhru l-attur, u Joseph Gaffarena, il-konvenut (a fol. 3a). In kwantu ghat-tieni eccezzjoni, din mhix eccezzjoni fuq il-kambjala imma hija eccezzjoni li tenhtieg indagini fit-tul, u ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma, li ghandu japplika l-Artikolu 198 tal-Kap. 13 u l-Qorti ghandha tghaddi ghall-kundanna tal-hlas tal-kambjala."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-12 ta' Dicembru 2007, bl-ispejjez kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi azzjoni bazata fuq kambjala mahruga fit-23 ta' Jannar 1989 mill-konvenut a favur l-attur ghas-somma ta' Lm21,500. Il-hlas relattiv kellu jsir fit-23 ta' April tal-istess sena, izda l-hlas baqa' ma sarx tant li l-attur kellu jiftah din

il-kawza biex jigi kanonizzat kreditur fis-somma indikata. Il-konvenut eccepixxa li l-kambjala hi milquta bi frodi, u l-ewwel Qorti b'digriet tal-4 ta' Ottubru 1990, kienet tat lill-konvenut xahar zmien biex jiddeduci l-pretensjoni relattiva b'citazzjoni *ad hoc*. Il-konvenut hekk ghamel, pero`, il-pretensjoni tieghu giet michuda b'sentenza li tat din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2005. Wara li nghatat dik is-sentenza, tkomplew dawn il-proceduri. L-ewwel Qorti tat is-sentenza fil-meritu fit-12 ta' Dicembru 2007, wara li ma qiesitx it-tieni eccezzjoni peress li dik mhux eccezzjoni fuq il-kambjala.

Il-konvenut appella mis-sentenza, u ressaq aggravju li ma kienx il-meritu tal-eccezzjonijiet tieghu, izda bazat fuq il-fatt li l-attur baqa' qatt ma esebixxa l-kambjala originali, izda esebixxa biss kopja fotostatika tal-istess. Hu ssottometta li biex attur jirnexxi f'*actio cambiaria* jrid bilfors jesebixxi l-original tal-kambjala, anke biex jigi accertat li l-istess ma kienitx giet girata a favur terzi.

Din il-Qorti tirrileva li dan l-ilment ma giex imressaq b'mod formali a konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti. Wara li gew maghluqa l-provi, il-konvenut inghata l-fakolta` jressaq nota ta' osservazzjonijiet, u kien f'dik in-nota li, ghall-ewwel darba, qajjem din il-kwistjoni. Ma talabx pero`, li jithalla jressaq nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, u l-punt baqa' ghalhekk mhux ikkunsidrat.

Ghalkemm, kif inghad, dan l-ilment ma tressaqx bhala eccezzjoni formali, u kwindi din il-Qorti, strettament tista' ma tqisux, tara li, f'kull kaz, l-istess ilment mhux misthoqq. Biex wiehed imexxi azzjoni bazata fuq kambjala, mhux mehtieg *sine qua non* li l-original tal-kambjala tigi esebita fl-atti tal-kawza; l-importanti hu li l-Qorti ktun sodisfatta li l-kambjala tezisti u tkun f'idejn l-attur. Hekk gara f'dan il-kaz, u anke din il-Qorti, fl-udjenza tat-12 ta' Jananr 2010, ikkonstatat li l-kambjala ghada f'idejn l-attur u li qatt ma giet girata a favur terzi.

Il-biza li qajjem il-konvenut fis-sens li, mill-atti ma kienx jirrizulta jekk il-kambjala gietx girata, u allura jekk jigi kkundannat ihallas fuq dawn l-atti, jista' jigi mitlub jerga'

jhallas mit-terz li favur tieghu setghet jew tista' tigi ggirata l-kambjala, hija legalment bla bazi, ghax debitur fuq kambjala ghandu dritt jinsisti li mal-hlas, jinghata lura l-kambjala (Artikolu 194 tal-Kodici tal-Kummerc) u allura l-ligi stess tipprovdi li l-hlas fuq kambjala jsir darba biss u lill-portatur tal-istess; il-ligi fil-fatt trid li min jitlob hlas ta' kambjala ried jipprezenta l-istess.

Dan l-ilment, l-uniku wiehed imressaq ghall-quddiem din il-Qorti, sejjer ghalhekk jigi michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra tieghu. Tenut kont tas-suespost, din il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz trattandosi ta' appell fieragh u vessatorju, ghandha tapplika l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qeghda tikkundanna lill-appellant li jhallas lill-appellat l-ispejjez gudizzjarji ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------